



Brussell, 2 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12614/19

LIMITE

SOC 643
EMPL 488
ILO 5
ONU 100

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.	12415/19
Suġġett:	Il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Presidenza ħejjiet sett ta' abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO".
2. Wara l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali u konsultazzjoni informali bil-miktub, saret żieda fil-paragrafu 3 biex tkun riflessa l-adozzjoni reċenti tar-Riżoluzzjoni 73/342 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-20 ta' Settembru 2019.
3. Niġbdu l-attenzjoni li meta mqabbel mad-dokument 12415/19, il-paragrafi ġew innumerati mill-ġdid u l-bidliet fil-paragrafi 3 u 19 huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata**.
4. Il-Kumitat huwa mistieden japprova t-test u jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet lill-Kunsill EPSCO għall-adozzjoni.

Il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. L-għan tal-Unjoni Ewropea huwa, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-paċi u l-benesseri tal-popli tagħha, u li taħdem għal ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna li jkollha l-għan li tikseb livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, inkluż billi tirrikonoxxi u tippromwovi d-djalogu soċjali minqux fit-Titolu X tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
2. Il-valuri tal-ġustizzja soċjali, l-opportunitajiet indaqs, is-solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma parti integrali mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u huma komponenti importanti tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni.
3. L-UE tikkondividi l-valuri, il-prinċipji u l-oġettivi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) stipulati fil-Kostituzzjoni tal-ILO¹ u d-Dikjarazzjoni ta' Philadelphia (1944)², kif ukoll l-għanijiet u l-impenji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-1998 dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq ix-Xogħol³, id-Dikjarazzjoni tal-2008 dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta⁴, u l-iktar reċenti fid-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO tal-2019 dwar il-Futur tax-Xogħol⁵ **milqugħa wkoll mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti**⁶.

¹ www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=1000:62:0::NO:62:P62_LIST_ENTRIE_ID:2453907:NO.

² "Dikjarazzjoni tal-ILO dwar l-għanijiet u l-finijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (Dikjarazzjoni ta' Philadelphia)", adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-26 Sessjoni tagħha, Philadelphia, 10 ta' Mejju 1944.

³ "Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol", adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha, Ġinevra, 18 ta' Ġunju 1998.

⁴ "Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta", adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, Ġinevra, 10 ta' Ġunju 2008.

⁵ "Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO dwar il-Futur tax-Xogħol", adottata mill-Konferenza fil-108 Sessjoni tagħha, Ġinevra, 21 ta' Ġunju 2019.

⁶ **Ir-Riżoluzzjoni 73/342 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Settembru 2019 dwar id-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Futur tax-Xogħol.**

4. L-ILO tippromwovi d-djalogu soċjali tripartitiku u d-djalogu bejn il-ħaddiema u min iħaddem. It-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar in-negozjar kollettiv u l-appoġġ għad-djalogu soċjali u l-konsultazzjonijiet tripartitiċi huma wkoll stabbiliti fit-TFUE.
5. L-UE qed tavvanza l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tax-xogħol u l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol fil-livell globali, fost l-oħrajn permezz ta' ftehimiet kummerċjali u ftehimiet oħra, kif ukoll permezz ta' arranġamenti kummerċjali unilaterali tal-UE bħall-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-UE speċjali.
6. L-UE hija impenjata li tippromwovi xogħol deċenti għal kulħadd kif stabbilit fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli.
7. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jservi ta' gwida għall-UE u l-Istati Membri tagħha għall-kisba ta' impjiegi u eżiti soċjali effiċjenti meta jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019 dwar Aġenda Strateġika għall-UE⁷ stiednu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kundizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandu jiddaħħal fis-seħħ sabiex tiġi żgurata transizzjoni lejn UE b'impatt newtrali fuq il-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi li jippreserva l-kompetittività Ewropea, filwaqt li jkun ġust u soċjalment ibbilanċjat.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

9. Matul is-seklu li għadda, l-ILO, li ssegwi l-mandat kostituzzjonali tagħha, ikkontribwiet għall-mitigazzjoni tad-diżordni soċjali u wasslet għal titjib fil-ġustizzja soċjali abbażi tal-istandards internazzjonali tax-xogħol, inkluż permezz tal-promozzjoni tad-djalogu soċjali.

⁷ EUCO 9/19.

10. Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel b'pass bla preċedent, speċjalment minħabba t-tibdil demografiku, ambjentali u teknoloġiku, il-globalizzazzjoni, u anki minħabba bidliet oħra, bħaż-żieda fil-mobbiltà internazzjonali tax-xogħol. Ħafna minn dawn l-isfidi huma ta' natura globali, u għalhekk hija meħtieġa viżjoni globali tal-futur tax-xogħol.
11. Huwa importanti li jkun hemm reazzjoni għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, biex il-ħaddiema jkunu protetti b'mod effettiv filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi. Għal dan il-għan, l-istandards tax-xogħol għandhom ikunu ċari, robusti u aġġornati.
12. Sistema superviżorja effettiva tal-ILO hija essenzjali għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali u ta' xogħol deċenti għal kulħadd madwar id-dinja.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

13. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-Kummissjoni Globali tal-ILO dwar il-Futur tax-Xogħol fir-rapport tagħha intitolat "Ħidma għal Futur Aħjar"⁸. Dawn jinkludu żieda fl-investiment fil-kapaċitajiet tan-nies u fl-istituzzjonijiet tax-xogħol u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti u sostenibbli. Ir-rakkomandazzjonijiet jenfasizzaw ukoll ir-rwol tal-ILO fl-arkitettura multilaterali.

FILWAQT LI JILQA':

14. Id-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO tal-2019 dwar il-Futur tax-Xogħol; u FILWAQT LI JINNOTA B'SODISFAZZJON l-approċċ tiegħu ċċentrat fuq il-bniedem u l-fatt li jipprovdi gwida globali għat-tiswir tal-futur tax-xogħol billi jiġu indirizzati, b'mod koerenti u integrat, kemm l-opportunitajiet kif ukoll l-isfidi relatati ma' dinja tax-xogħol li qed tinbidel.
15. L-affermazzjoni li kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa huma rikonoxxuti bħala fundamentali għal xogħol deċenti.

⁸ <https://www.ilo.org/infostories/en-GB/Campaigns/future-work/global-commission#agenda>.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI biex:

16. Ikompli bl-isforzi tagħhom biex jirratifikaw u japplikaw konvenzjonijiet u protokolli aġġornati dwar l-ILO, bħala kontribut konkret għat-titjib tar-ratifika u l-applikazzjoni dinjija ta' dawk l-istrumenti.
17. Itejbu l-isforzi biex jiġu promossi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU relatati ma' xogħol deċenti, biex b'hekk jissawwar futur ġust, inklużiv u sikur għal kulħadd.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, isaħħu l-isforzi tagħhom u jieħdu azzjoni xierqa f'konformità mad-Dikjarazzjoni Ċentenarja tal-ILO, biex:

18. Jippromwovu l-konvenzjonijiet, il-protokolli u r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO, speċjalment dawk dwar id-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol, li huma kklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, u b'hekk jiġu inkoraġġitkundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd.
19. B'kont meħud tar-rwol importanti tal-intrapriżi multinazzjonali, jinkoraġġixxu u jrawmu ġestjoni responsabbli fil-katini tal-provvista globali, inkluż permezz ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, id-diliġenza dovuta fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem⁹, u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti u protezzjoni soċjali u tax-xogħol. Jikkomunikaw dak li huwa mistenni mingħand l-intrapriżi fir-rigward ta' mġiba responsabbli fin-negozju u jqisu jekk humiex meħtieġa miżuri speċifiċi **jekk dawn l-aspettattivi ma jintlaħqux b'mod xieraq.**

⁹ F'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, 2011, u d-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-ILO, il-ħames edizzjoni, 2017.

20. Jappoġġaw l-iżvilupp ta' ambjent li jippermetti l-intraprenditorija u l-intrapriżi sostenibbli, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, kif ukoll il-kooperattivi u l-ekonomija soċjali u solidali, sabiex jiġu ġġenerati xogħol deċenti, impjieg produttiv u standards tal-ġhajxien aħjar għal kulħadd.
21. Jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu eliminati l-impjieg tat-tfal u x-xogħol furzat, kif ukoll il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol.
22. Jiżguraw rispett sħiħ għall-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni. Itejbu l-isforzi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi fid-dinja tax-xogħol billi jiġu żgurati opportunitajiet u trattament indaqs, inkluż renumenazzjoni indaqs għal xogħol ta' valur indaqs, kif ukoll aċċess ugwali għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Joħolqu ambjent li jippermetti kondiviżjoni bilanċjata tar-responsabbiltajiet tal-familja u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata aħjar għal kulħadd, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-investment fl-ekonomija tal-kura.
23. Jiġu żgurati opportunitajiet u trattament indaqs fid-dinja tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
24. Jiffaċilitaw l-integrazzjoni effettiva taż-żgħażaġh fid-dinja tax-xogħol u jiġi permiss it-tixjiħ attiv ta' ħaddiema akbar fl-età.
25. Jappoġġaw l-isforzi biex jiġi integrat id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa fil-qafas tal-ILO dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol.
26. Iżidu l-isforzi biex tiżgura transizzjoni ġusta u ekwa lejn futur ta' xogħol li jkun sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali, fejn jitnaqqsu l-inugwaljanzi. Għal dan il-għan, fost sforzi oħra, jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim kontinwu tul il-ħajja u t-transizzjonijiet tan-nies tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali tal-individwu.

27. Itejbu, fejn adatt, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha u għal dawk kollha li jaħdmu għal rashom, sabiex ikunu adegwati, sostenibbli u aċċessibbli. Jadattaw il-protezzjoni soċjali u tax-xogħol għall-iżviluppi fid-dinja tax-xogħol.
28. Isaħħu l-istituzzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari l-amministrazzjoni u l-ispezzjoni tax-xogħol, u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tax-xogħol għall-protezzjoni tal-ħaddiema kollha, inkluż fil-forom ġodda ta' xogħol, u t-transizzjoni minn ekonomija informali għal dik formali. Jiżguraw privatezza xierqa u protezzjoni tad-data personali, u jirrispondu, fejn xieraq, għal sfidi u opportunitajiet, speċjalment fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali tax-xogħol, inkluż xogħol fuq pjattaforma diġitali.
29. Fit-twettiq ta' approċċ iċċentrat fuq il-bnedmin lejn il-futur tax-xogħol jippromwovu xogħol deċenti permezz ta' koerenza politika fis-sistema multilaterali, inkluż f'politiki ekonomiċi, tal-impjiegi, soċjali, ambjentali, kummerċjali u industrijali u fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.
30. Isaħħu d-dialogu soċjali fil-livelli kollha u fil-forom kollha tiegħu, inkluż il-kooperazzjoni transkonfinali, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni attiva tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-futur tax-xogħol u l-bini tal-ġustizzja soċjali, inkluż permezz tar-rikonoxximent effettiv tad-dritt għal negozjar kollettiv u permezz ta' riflessjoni dwar pagi minimi adegwati, kemm jekk statutorji u kif ukoll jekk negozjati.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

31. Tagħgorna l-Komunikazzjoni tagħha tal-2006 dwar "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd – il-kontribut tal-UE għall-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd", fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO dwar il-Futur tax-Xogħol, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

Referenzi**1. Unjoni Ewropea**

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10)
- Il-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp: "Id-Dinja Tagħna, id-Dinjità Tagħna, il-Ġejjieni Tagħna" (ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1).

Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Xogħol Deċenti għal Kulħadd (15496/06)
- Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020: Adattament għal sfidi ġodda - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7013/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 - 2019 (10897/15)
- Il-politika kummerċjali u ta' investiment tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14708/15)
- L-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8833/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (10254/16)
- Bidu ġdid għal Djalogu Soċjali b'saħħtu - Konklużjonijiet tal-Kunsill (10449/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħaddim tat-Tfal (10244/16)
- Ġejjieni Ewropew sostenibbli: It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill (10370/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy) (15506/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żgħażaġħ u l-Futur tax-Xogħol (8754/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel: riflessjonijiet fuq forom ġodda ta' xogħol u l-implikazzjonijiet għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema (10354/19)

2. Organizzazzjonijiet Internazzjonali tax-Xogħol

Dikjarazzjonijiet tal-ILO:

- Dikjarazzjoni Ċentinarja tal-ILO dwar il-Futur tax-Xogħol, 2019
- Tripartite Declaration of Principles concerning Multinational Enterprise and Social Policy (Dikjarazzjoni Tripartitika ta' Prinċipji li jikkonċernaw l-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali), il-ħames edizzjoni, 2017
- Declaration on Fundamental Principles and Rights at Work (Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji Fundamentali u d-Drittijiet fuq il-Post tax-Xogħol) (1998); anness rivedut fl-2010
- Declaration on Social Justice for Fair Globalisation (Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta), 2008
- ILO Declaration of Philadelphia (Dikjarazzjoni tal-ILO ta' Philadelphia), 1944

Konvenzjonijiet Fundamentali tal-ILO:

Libertà ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv

- Konvenzjoni 87: Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948
- Konvenzjoni 98: Dritt ta' Organizzazzjoni u tan-Negozjar Kollettiv, 1949

Eliminazzjoni ta' xogħol furzat u obbligatorju

- Konvenzjoni 29: Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930
- Il-Protokoll 29 tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930
- Konvenzjoni 105: Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957

Eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol

- Konvenzjoni 100: Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951
- Konvenzjoni 111: Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958

Abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal

- Konvenzjoni 138: Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973
- Konvenzjoni 182: Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999

Konvenzjonijiet ta' governanza tal-ILO:

- Konvenzjoni 81: Konvenzjoni dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol, 1947
- Konvenzjoni 122: Konvenzjoni dwar il-Politiki tal-Impjeg, 1964
- Konvenzjoni 129: Konvenzjoni dwar l-Ispezzjoni tax-Xogħol (Agrikoltura), 1969
- Konvenzjoni 144: Konvenzjoni dwar il-Konsultazzjoni Tripartitika (Standards Internazzjonali tax-Xogħol), 1976

Konvenzjonijiet rilevanti oħrajn tal-ILO:

- Konvenzjoni 155: Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 1981
- Konvenzjoni 187: Qafas promozzjonali għall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, 2006
- Konvenzjoni 190: Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol, 2019

Lista ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-ILO kklassifikati mill-ILO bħala aġġornati, 2019: <https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=1000:12020:::NO>
